**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 71/2017 AGV**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-24 ta' Marzu, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-
(Ommissis)

1. Illi dil-Qorti ghandha tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv.

2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie iccelebrat bejn il-partijiet fl- 20 ta' Dicembru 2002.

3. Tordna lir-Registrtaur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lill-istess Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-istess Artikolu, tordna illi t-talba ghas-separazzjoni personali maghmula fir-rikors titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament tad-divorzju.

Rat in-nota ta’ cessjoni tal-attrici, datata 1 ta’ Lulju, 2019, fejn cediet it-talbiet taghha stante transazzjoni, salv it-talbiet hawn imsemmija.

Rat ir-Risposta tal-intimat li irrimetta ruhu dwar l-istess.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovat illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin.

Illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment.

Ir-rikorrenti ukoll ipprovat li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni u llum ighixu hajja separati minn xulxin.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur sabiex, fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Spejjez bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**